MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 82/2012

**Appell Nru. 82/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kylie Borg)**
**Vs**
**Omar Joseph Trabelsi**
**Sammy Trabelsi**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Omar Joseph Trabelsi [detentur tal-karta tal-identita` numru 329189M] u Sammy Trabelsi [detentur tal-karta tal-identita` numru 427095M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Belt, Valletta, nhar il-11 ta' Jannar, 2012, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija

- ikkommettew serq ta deheb ta’ valur li jeccedi €232.94 imma ma jeccediex € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil- valur, bil-hin u ghad-detriment ta’ Mark Mintoff;

Lil Omar Joseph Trabelsi wahdu nakkuzah:

(i) talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’ Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

(ii) talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 11 ta’Mejju 2009;

(iii) talli ikkommetta reat waqt li hu taht ordni ta’ probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LLD nhar il-11 ta’ Novembru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta.

Lil Sammy Trabelsi wahdu nakkuzah:

(i) Talli ikkommetta reat waqt li hu taht ordni ta’ probation, liema sentenza inghataw mill-Qorti tal-Magistrati preseduti mill-Magistrat Dr. D. Clarke LLD nhar it-23 ta’ Marzu 2011 u Dr. C. Stafrace Zammit LLD nhar id-29 ta’ Settembru 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Jannar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c),(f), 267, 270, 279(a), 49 u 50, 280(i) u ukoll l-artikolu 37 u 31 tac-citat kap fil-konfront tal-appellat Sammy Trabelsi. Rat ukoll l-artikolu 28B tal-Kap. 9 u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 u sabet lill-appellati hatja billi fil-konfront ta’ Omar Joseph Trabelsi li japplika kontra tieghu l-artikolu 28B(1)(2b) tal-Kap. 9 billi bidlet l-ordni

originali maghmul bis-sahha tas-sentenza tal-11 ta’ Mejju 2009 b’dan li l-perjodu operattiv f’dik is-sentenza jinbidel f’perjodu iehor ta’ erba` snin, fil-konfront ta’ Sammy Trabelsi kkundannatu sitt xhur prigunerija sospiza ghall-sena.
Ikkundannathom ukoll l-appellati “insolidum” li jhallsu lid-derubat ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 s-somma ta’ €250.
Il-Qorti spjegat lill-appellati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi:

1) tikkonferrnaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellati hatja ta’ l – akkuzi migjuba kontrihom u ikkundanathom ihallu ‘insolidum’ lid-derubati ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali s-somma ta’ €250, u fil-konfront ta’ Omar Trabelsi li applikat li l-ordni originali tal-perjodu operattiv f’dik is- sentenza jinbiddel f’perjodu iehor ta’ erba snin;
2) tirrevokaha f’dik ii-parti fejn fil-konfront ta’ Sammy Trabelsi kkundannatu sitt xhur prigunerija sospiza ghall-sena; u minflokk
3) tinfliggi piena ta’ prigunerija immedjata skond il-ligi ghar-reati kolha li l- appellati instabu hatja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet taghti l-pieni stabilliti fis-sentenza meta il-minimu rikjest mill-ligi huwa ta’ piena karcerarja effettiva.

Illi l-artikoli 279 tal-Kodici Kriminali jghid:

*279. il-hati ta’ serq ikkwalifikat bil- “valur” biss, jehel -*

*(a) jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disghn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin;*

Illi l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*280. (1) Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed rnill-kwalifiki l-ohra, izda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-hati jehel, skont il-kaz, il-pieni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, izda dawn ma jinghatawx fil-minimum taghhom.*

Illi l-artikoli 281(a) tal-Kodici Kriminali jghid:

*281. Il-hati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil- "hin" jew bix- "xorta tal-haga misruqa ", jehel -*
*(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'wahda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn seba' xhur sa sentejn;*

Illi l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jghid:

*50. Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar Ii tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

Illi l-artikolu 28A tal-Kodici Krirninali jghid:

*28A. (1) Bla hsara ghas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 281, qorti Ii taghti sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn ghat reat tista' tordna li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh, hlief jekk, matul dak il-perjodu li jigi specifikat fl-ordni, Ii ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' izjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-hati jikkomnmetti reat iehor Ii ghalih hemm piena ta' prigunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-sahha tal-artikolu 28B Ii s-sentenza originali ghandha tibda ssehh; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa*

*28G u fl-artikoli 28I 'il-perjodu operattiv , dwar sentenza sospiza, tfisser dak il-perjodu hekk specifikat.*

Illi l-artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali jghid:

*28A (7) Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin -*
*(a) meta l-ikkundannat ikun diga` qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija;*
*(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50;*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondiz:joni skont l-Att dwar il-Probation.*

Illi fil-konfront ta' l-appellat hati Omar Trabelsi l-Onorabbli Qorti ordnat biss, (skond l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali), li jibda fis-sehh l-ordni originali maghmul bis-sahha tas-sentenza sospiza tal-11 ta' Mejju 2009 b'dan li l-perjodu operattiv f'dik is-sentenza inbiddel f'perjodu iehor ta' erba snin dekorribli mill-lum.

Illi izda l-Onorabbli Qorti naqqset kompletament milli tottempora ruhha mal-ligi fir-rigward tar-reat li kkommetta meta kien taht ordni ta' probation.

Illi l-Onorabbli Qorti kompletament naqqset ukoll li taghti piena ta' prigunerija fuq ir-reati ta' serq aggravat bil-valur u l-hin u tali huwa recidiv.
Illi l-Onorabbli Qorti kellha taghti piena ta' prigunerija mhux fil-minimu skond kif titlob il-ligi ta' dawn ir-reati li instab hati taghhom.

Illi fil-konfront ta' l-appellat hati Sammy Trabelsi, l-Onorabbli Qorti kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghall-sena mill-lum.

Illi skond l-artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali kif ikowtat hawn fuq, l-Onorabbli Qorti ma setghet qatt tordna sentenza ta' prigunerija sospiza meta l-ikkundannat ikun ghamel ir-reat f'perjodu meta kien taht ordni ta' probation izda kellha taghti piena ta' prigunerija rnhux fil-minimu kif

ukoll tottempora ruhha mal-ligi fir-rigward tal-fatt li kien hemm ksur ta’ l-ordni tal-probation.

Ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew fil-kwantita’ taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati li taghhom instab hati l-appellat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi z-zewg appellati kienu akkuzati illi gol-Belt Valletta fil-11 ta’ Jannar ta’ l-2012, ikkommettew serq ta’ deheb ta’ valur illi jaccedi ta’ €232.94 imma ma jaccedix €2,329.37 a detriment ta’ Mark Mintoff. Oltre addebiti tar-recidiva, ksur ta’ sentenza sospiza u kif ukoll ordni ta’ probation, l-appellati ammettew l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u b’sentenza ta’ l-24 ta’ Jannar ta’ l-2012, il-Qorti tal-Magistrati, filwaqt illi, fil-konfront ta’ Omar Joseph Trabelsi biddlet l-ordni originali ta’ sentenza sospiza b’wahda effettiva, fil-konfront ta’ Sammy Trabelsi kkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena. Il-Qorti ukoll ikkundannathom sabiex ihallsu d-derubat “in solidum” ai termini ta’ l-Artiklu 28 H tal-Kapitlu 9, is-somma ta’ €250. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-ilment tieghu qieghed principalment fil-fatt illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet taghti l-piena stabbiliti fis-sentenza taghha meta il-minimu rikjest mill-Ligi huwa ta’ piena karcerarja effettiva.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali ghandu ragun fl-argument tieghu. L-Artiklu 28 A (7) tal-Kodici tal-Kriminali, jaghmilha cara illi ordni ta’ sentenza sospiza ma tistax issir meta l-persuna jkun recidiv fit-terminu ta’ l-Artiklu 50 u meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta’ probation. Iz-zewg appellati ghamlu r-reat meta kienu fil-perjodu ta’ probation u di piu Omar Joseph Trabelsi huwa recidiv fit-terminu ta’ l-Artiklu 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk fil-konfront ta’ Omar Joseph Trabelsi, l-ewwel Qorti naqset kompletament illi taghti piena ta’ prigunerija fuq ir-reati ta’ serq aggravat bil-valur u il-hin u talli kien recidiv. U fil-kaz ta’ Sammy Trabelsi, l-

ewwel Qorti ma setghetx tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospiza, peress li huwa wettaq dan ir-reat fil-perjodu ta' probation. Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoq li jkun milhuq.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom u kkundannathom ihallsu "in solidum" lid-derubati ai termini ta' l-Artiklu 28 H tal-Kodici Kriminali s-somma ta' €250 u fil-konfront ta' Omar Trabelsi, li applikat l-ordni originali tal-perjodu operattiv f'dik is-sentenza jinbidel f'perjodu iehor ta' erba' snin, b'zieda ta' sentejn u sitt xhur ohra tar-reati ta' serq aggravat bil-valur, hin u talli huwa recidiv u talli kkommeta reat waqt li kien taht ordni ta' Probation moghtija b'sentenza li saret defenittiva. Tirrevokaha f'dik il-parti fil-konfront ta' Sammy Trabelsi fejn ikkundannatu ghal sitt xhur pruginerija sospiza ghal sena u minflokk bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 37 tal-Kap 9, peress li Sammy Trabelsi kellu sittax-il sena meta wettaq dawn ir-reati, ghal perjodu ta' sena prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------